MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2491/1997/1

Kawza fil-lista: 15

**Michael Attard Ltd.**
**Vs**
**Carmen u George konjugi Ciappara, u b' digriet tal-14 ta' Gunju 2001 gie kjamat fil-kawza Charles Pace**

**Il-Qorti,**

Peress illi bi skrittura privata tal-25 ta' Ottubru 1994 il-konvenuti kienu xtraw minghand is-socjeta' attrici vettura tat-tip Peugeot 306 XNd, u dana versu l-prezz ta' sebgha t'elef lira Maltin (Lm7,000), liema vettura giet kkonsenjata lill-konvenuti fil-5 ta' Dicembru 1994;

Peress illi l-konvenuti jinsabu debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2800)

liema somma hija dovuta bhala bilanc tal-prezz tal-vettura fuq imsemmija;

Peress illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu dan id-debitu bl-ittra ufficjali tal-4 ta’ Dicembru 1996 pero’ baqghu inadempjenti;

Peress illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenuti m’ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghal hlas ta’ dan id-debitu;

Ghalhekk jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tiddeciedi billi :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-kapitolu 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2800) liema somma hija dovuta bhala bilanc tal-prezz tal-vettura tat-tip Peugeot 306XNd mibjugha u konsenjata lill-istess konvenuti, bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Dicembru 1996, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-konjugi Ciappara li biha eccepew li t-talba attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li huma m’ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Charles Pace li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa personalment qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti, u kwalunkwe relazzjoni illi seta’ kien hemm in konnessjoni mal-konvenuti riferibbilment ghan-negozju riferit fit-talbiet attrici, kienet ma’ l-eccipjenti fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur

tas-socjeta’ Mosta Auto Dealers Limited, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ma huwiex dovut mill-eccipjenti, stante illi l-involviment tieghu fin-negozju de quo, kien limitat biss ghall-inkarigu lilu moghti mill-konvenuti jew min minnhom, illi jaghti stima lill-vettura tat-tip Peugeot 205, di proprjeta’ ta’ l-istess konvenuti jew min minnhom;

3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qatt ma rcieva ebda pagament minghand il-konvenuti, jew min minnhom, in segwitu ghall-istima minnu moghti, kif fuq premess, u/jew in konnessjoni man-negozju riferit fit-talbiet attrici, u ghalhekk, l-eccipjenti qatt ma seta’ jigi nkarigat mill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallas ebda ammont lis-socjeta’ attrici, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi inoltre, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti jew min minnhom qatt ma kkonsenjaw l-imsemmija vettura tat-tip Peugeot 205, lill-eccipjenti, in segwitu ghall-istima minnu moghti, kif fuq premess, u/jew in konnessjoni man-negozju riferit fit-talbiet attrici, u ghalhekk, l-eccipjenti ma’ seta’ qatt jigi inkarigat mill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallas ebda ammont lis-socjeta’ attrici, kif jista’ wkoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront ta’ l-eccipjenti, bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm2,800 dovuta bhala bilanc ta’ prezz tal-vettura Peugeot 306 mibugha u kkonsenjata lill-konvenuti, bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuti minn naha taghhom isostnu li huma m’ ghandhom jghati xejn lis-socjeta’ attrici, stante li l-imsemmija somma kienet thallset lill-kjamat fil-kawza Charles Pace. Minn naha tieghu, dan fil-meritu jsostni li huwa ma rceva ebda pagament mill-konvenuti.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti: Fil-25 ta’ Ottubru 1994 il-konvenuti xtraw minghand is-socjeta’ attrici vettura tal-ghamla Peugeot 306 XND versu l-prezz ta’ sebat elef lira maltin [Lm7,000] skond skrittura[1] ffirmata bejniethom u that il-kondizzjonijiet hemm indikati.

Illi fuq il-modalita’ tal-pagament il-partijiet ftehmu li l-konvenuti jhallsu parti fi flus kontanti, u parti bit-tpartit tal-karrozza li kellhom u li giet valutata fl-ammont ta’ Lm2,800. Il-partijiet fethmu li l-konvenuti kellhom jikkonsenjaw il-vettura l-qadima taghhom lill-kjamat fil-kawza, dealer tal-karrozzi seconda man, li minn naha tieghu kellu ftehim ta’ negozju mas-socjeta’ attrici li perjodikament jhallsu tal-vetturi kkonsenjati lilu.

Fil-kaz in disamina rrizulta nkontestat li:

[1] il-konvenuti kienu hallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ komplessiva ta’ Lm4,200 [f’ zewg pagamenti ta’ Lm500 u Lm3,700 ], u ma thallas ebda ammont iehor lilha;

---

[1] Fol.23

[2] illi sussegwenti ghax-xiri tal-vettura l-gdida [Peugeot 306], il-konvneuti dahlu fi ftehim ma’ l-imsemmi Charles Pace fis-sens li huma jibqghu jzommu l-karrozza taghhom l-antika [Peugeot 205], u minflok, jikkonsenjaw lill-istess Charles Pace il-bilanc tal-prezz ta’ Lm2,800, sabiex dana jghaddiha lis-socjeta’ attrici wara li tnaqqas minnha l-kummissjoni spettanti lilu minn naha ta’ din ta’ l-ahhar. Rizultat ta’ dan il-ftehim, il-vettura antika li kellhom il-konvenuti baqghet ma gietx konsejnata lil Charles Pace li minn naha tieghu ma kkonsenjax lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ Lm2,800. B’ hekk huwa pacifiku li din is-socjeta’ ghad fadlilha tiehu l-bilanc tal-prezz ta’ Lm2,800 fuq il-bejgh tal-vettura indikata fic-citazzjoni.

Illi l-punt in kontestazzjoni, u li huwa krucjali fis-sens li ta lok ghal din il-kawza huwa l-pagament tas-somma ta’ Lm2,800 li l-konvenuti, u senjatament il-konvenut Ciappara, allega u sostna li kien ghadda lil Charles Pace li minn naha tieghu nnega dan il-fatt bir-rizultat li Micheal Attard Limited baqghet ma thallsitx dan il-bilanc dovut lilha.

In tema legali jigi osservat li f’ dan ir-rigward ghandu jiggverna l-principju fundamentali f’ materja ta’ prova li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u b’ ton aktar specifiku, il-principju legali li min jallega pagament ghandu l-oneru tal-prova li dak il-pagament fil-fatt gie effettwat.

Fuq l-istregwa ta’ dawn il-principji, l-oneru tal-prova li Charles Pace thallas l-imsemmija somma minghand il-konvenuti tinkombi fuq dawn ta’ l-ahhar. In propositu l-konvenut George Ciappara jsostni li meta sar il-pagament fi flus kontanti lil Charles Pace, dana kien tah ricevuta, izda ma setghax jesebiha stante li kif xehed fid-depozizzjonijiet tieghu huwa kien tilefa. Fi kliemu: “Ma sibthiex. M’ghandix. Daqsehekk.[2] Minn naha tieghu Charles Pace kien kategoriku wkoll fl-affirmazzjoni tieghu li huwa ma kien irceva ebda flus minghand il-konvenuti, u

[2] Dep.8.10.2003 – fol.188

ghalhekk, spjega Pace, huwa ma kienx ghadda l-flus lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuti in sostenn tal-allegazzjoni tal-pagament tal-imsemmija somma, akkampaw ma dokument esebit bhala Dok.DC3[3] li huwa ittra datata 2 ta' Frar 2005 li s-socjeta' attrici kienet baghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn informawh li l-Peugeot 306 li kienu xtraw il-konvenuti hija "fully paid." Il-konvenuti jsostnu li dina hija prova li ssostni t-tesi taghhom li s-socjeta' attrici kienet thallset il-prezz kollu tal-vettura u cioe' l-Lm4,200 kif ukoll is-somma ta' Lm2,800 li skond huma kienu ghaddew lil Charles Pace. Minn naha tieghu, Michael Attard, Direttur ta' l-istess socjeta', spjega li l-kumpanija kienet harget din l-ittra sabiex ikun jsta' jsir it-transfer tal-vettura u dana wara l-konvenut kien informahom li huwa kien kkonsenja l-vettura l-antika lil Charles Pace. B' hekk l-istess Michael Attard, jsostni li dak ir-release kien giet ottenut mill-konvenuti b' ingann.

In propositu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet: illi t-tesi tal-kjamat fil-kawza Charles Pace li dana ma kienx thallas is-somma ta' Lm2,800 hija verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll hija verosimili l-ispjegazzjoni mghotija minn Michael Attard dwar l-imsemmi dokument. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti, filwaqt li ammettew li l-vettura l-antika baqghet ghandhom, ma jrnexxielhomx jipprovaw li huma kienu fil-fatt hallsu lil Charles Pace is-somma ta' Lm2,800 li ghalhekk ghadha dovuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc tal-prezz.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li skond il-ftehim ta' kompravendita tal-25 ta' Ottubru 1994 il-konvenuti kienu obbligati jhallsu l-prezz tal-karrozza minnhom mixtrija. Rigward il-bilanc ta' Lm2,800 il-konvenuti kellhom l-obbligu li jikkonsenjaw lil Charles Pace l-vettura taghhom l-antika. Irrizulta ammess li huma baqghu inadempjenti f' dan ir-rigward, kif ukoll baqghu inadempjenti fil-ftehim li kellhom ma' Charles Pace dwar il-pagament tal-imsemmija somma. Ghaldaqstant, gja la darba huma

---

[3] Fol.25

naqsu li jikkonsenjaw il-vettura l-antika skond kif kienu obbligati jghamlu sabiex jossodisfaw il-bilanc ta’ Lm2,800, allura huma jibqghu responsabbli ta’ dan il-bilanc lejn is-socjeta’ attrici.  B’ hekk it-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta’ din is-somma hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Ciappara, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil dawn il-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta’ is-somma ta’ elfejn u tmien mitt lira maltin [Lm2,800] rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-vettura indikata fic-citazzjoni, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Dicembru 1996.  Tichad it-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Charles Pace.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuti Ciappara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------